DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................... ĦINIJIET ................ POST: ..............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ...................................... DATA/DATI ........................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

## IL-BELLIEGĦA FIL-BIR

*2 Att, 4 Xena, p.92 (m)*

## MICHAEL

### SKUNĠRA, ĦENINI, SKUNĠRA!

*IX-XIĦ: Jien m'għedtx hekk…*

Naf x'għedt! Ħares, ħares madwarek. Din li għamiltu int u ommi mid-dar tagħna. U minn dik l-art hemm barra… dik l-art miksija ġebel u konkrit. U minn issa 'l quddiem ħlief ġebel u konkrit mhux se jkun hawn. U taħseb li jimpurtani lili? Le, ma jimpurtanix! Jimpurtani biss li neħles minn hawn. Minnha, minnha ħlist, marret għand ix-xjafek – u jalla jekk ma marritx, tmur – tmur u tibqa'!

*ALISTAIR: Aqtagħha, Michael!…*

Tmur għand ix-xjaten!... U jekk taħseb li int, int se tiġi issa, wara dassnin kollha, u se nħallik tindaħalli – jarralek!

*IX-XIĦ: Jien indħaltlek?…*

Mela xi trid tgħid biha? *(jgħajjeb – iżomm rasu)* "Ajma, ajma rasi – żgur se tiġri xi waħda – ibżgħu wliedi – ajma, j'ommi, Ma – il-belliegħa fil-bir… Buuu! Ajma, jaħasra… Oqogħdu attenti, uliedi!"…

*RIENI: Aqtagħha, Michael.*

*IX-XIĦ: Ma jimpurtax, ħalluh…*

*(idur madwarhom – żifna grotteska, dejjem jgħajjeb lix-XIĦ)* Oj, ejme rusi kemm tuġgħeni! Ibże' mill-għejn ħebibi, xbin! Egħmel qrewn u skunġra, ja qubla! *(lil RIENI)* Skunġra, ħenini, skunġra! Ej negħmlu l-qarja fuq ir-ras, inbiegħdu l-ispirti ħżiena, ħuti. *(lil ALISTAIR)* Hawn ħa, sieħbi – ħokkli mnieħri ħa jalla l-ġid, jaħasra. Jew aħjar, ħa, ħokkli l-warrani, ja ħija; ħokkli biex żgur ġid jiġi! Ħokkli l-warrani! *(<190)*

PDF p. 92

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** ..............................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.